MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1827/2004

**Enemalta Corporation**
**vs**
**Edward Schembri u b'digriet tal-14 ta' Dicembru, 2005, giet kjamata in kawza is-socjeta` C&F Buildings Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 t'Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tlieta u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm863.45), rapprezentanti danni kkagunati lil cables tal-Korporazzjoni attrici li jinsabu f'Hal Far fid-29 ta' Lulju, 2003.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' l-incident sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-9 ta' Frar, 2005 fejn intqal illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ghall-hsara allegatament sofferta mill-Korporazzjoni, il-konvenut mhux responsabbli u m'ghandu l-ebda tort.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` kjamata in kawza prezentata fis-27 ta' Jannar, 2006, fejn intqal illi fil-konfront taghha d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni kkontemplata mill-Korporazzjoni Enemalta hija perenta bit-trapass ta' zmien u cioe` taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.**

**Semgha x-xhieda ta' Karl Galea, David Zerafa, PS 577 Joseph Abdilla, Mark Cauchi, Louis Cachia, l-Inginier Brian Micallef, Edward Schembri, PS 487 Ryan Portelli u Mario Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz huwa ghad-danni kagunati f'cable tal-Korporazzjoni attrici f'Hal Far fid-29 ta' Lulju, 2003.**
**2. Davis Zerafa li jahdem bhala Technical Distribution Officer mal-Korporazzjoni attrici jghid li flimkien mal-inginier Micallef, kienu marru fuq il-post. Hemmhekk raw lill-konvenut, il-kuntrattur, qed jaghmel trinek, u kien jidher l-cable maqtugh. Fil-post fejn inqata l-cable kienu saru l-marki, (vide Dok.DZ2) li soltu jsiru biex juru li hemm cable. Jghid li l-konvenut ammetta li laqtu hu jew xi hadd mill-haddiema tieghu. Skond Zerafa, il-konvenut kien qed jahdem f'isem C&F Buildings Constructors Limited.**
**3. Mark Cauchi, impjegat mal-Korporazzjoni attrici, jikkonferma li kien mar u ghamel il-marki minn fejn kien ghaddej il-cable, u kien mar hemm aktar minn darba. Dana hu bazikament konfermat minn Louis Cachia, Cable Attendant mal-Korporazzjoni.**
**4. L-Inginier Brian Micallef jispjega li intlaqtu « cores » tal-cable, u ghalhekk inqatghet il-provvista**

**tad-dawl. In partikolari ix-xhuda innota li d-daqqa fil-cable kienet wahda kbira.**

**5. Wara l-incidant sar rapport lill-Pulizija, Dok.JA1 fejn fost ohrajn jinghad: « …while contractor namely Edward Schembri was trenching along Hal Far area………hit and cut two high tension cables of 11,000volts and 33,000volts respectively, which damage amounted to Lm973. » Ikompli jghid : »…….when spoken to by the Police he admitted that he himself was doing the trenching but denied that he had hit the said cables. Schembri also stated that while he was trenching he noticed that the mentioned cables were already hit before.»**

**6. Il-konvenut jghid li hu impjegat ma C& F Building Contractors Limited. Jghid li Jeffrey Falzon, impjegat tal-kumpanija, li kien qed jahdem fuq il-post, infurmah li qata' cable .**

**7. Jirrizulta li meta saret l-accettazzjoni tat-tender dan inhareg fuq is-socjeta` kjamata in kawza, skond d-Dok.SE1.**

**8. Jirrizulta ampjament li l-Korporazzjoni attrici sofriet danni, u ma hemmx dubbju li dawn id-danni huma rikonducibbli ghax-xoghlijiet li kienet qed taghmel is-socjeta` kjamata in kawza fuq il-post. Il-fatt li mar l-elettriku, u li l-impjegati tal-Korporazzjoni marru jindagaw, huwa prova li l-cables inqatghu minn impjegati tas-socjeta` kjamata in kawza. Inoltre l-istess Zerafa jikkonferma li il-konvenut kien qed jahdem f'isem is-socjeta` kjamata in kawza.**

**9. Mill-provi, u specjalment ma jirrizultax pruvat li kien il-konvenut personalment li qata' l-cables imsemmija, pero` se mai impjegati tas-socjeta` kjamata in kawza.**

**10. Is-socjeta` kjamata in kawza eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u cioe il-preskrizzjoni tal-azzjoni bit-trapass ta' sentejn. Fil-fatt f'dan ir-rigward jigi rilevat li l-incident sehh fid-29 ta' Lulju, 2003, filwaqt li s-socjeta` giet kjamata in kawza fl-14 ta' Dicembru, 2005, u ghalhekk kienu ghaddew is-sentejn rikjesti. Il-Korporazzjoni attrici kienet taf mill-bidu li hemm ix-xoghol kien qed isir mis-socjeta` kjamata in kawza.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jiddkjara l-azzjoni preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------